**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 30/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 31/07/'14** **313**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 31/07/'14** **368**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (1) - Il-Kunsillier Anthony Grech

1.05 Assenti (0) –

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.08 Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Anthony Grech ma setax jattendi għal-laqgħa u għaldaqstant kien skużat.

1.09 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi osservat Memo 89/2009 li jittratta dwar l-*Allowance lill-Kunsilliera,* li huwa abbinat mal-attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill. Ir-raġuni għall-assenza trid tingħata bil-miktub mill-Kunsillier lis-Segretarju Ezekuttiv u dan għandu jressaq tali raġuni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-25 ta' Lulju 2014.

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament Kumpless Dun Anton Sciberras
4. Offerti - *Insurance Coverage*
   - *Mini Van*
5. Aġġornament Xelter tal-Gwerra
6. Aġġornament proġetti:
   - Stima riveduta ta' Proposed Upgrading ta' Pjazza Spinola u Telgħet Birkirkara.
   - Village Core
   - Stejjem ta' Triq il-Kbira ħdejn il-Knisja tal-Karmnu, Triq San Ġorġ u Triq Ġorġ Borg Olivier quddiem Croppers.
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 29/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 29/K7/14.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Ma kienx hemm Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Paceville minħabba li għadhom ma ġewx approvati mill-istess Kumitat.

1.4.02 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tar-rogolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 ta' l-Aġenda qabel item 2 u talab sospenzjoni tal-laqgħa.

1.4.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.4.04 Il-laqgħa ġiet sospiża fis- 2.10 p.m. u kompliet fis-2.30p.m.

**3. Aġġornament Kumpless Dun Anton Scibberas**

3.01 Il-Kunsill iddiskuta aktar fid-dettal it-talba li saret mingħand is-Sur Keith Galea għan-nom ta' Krav Maga Malta sabiex jingħata kuntratt sa massimu ta' 20 sena biex jirranja l-**Kumpless Dun Anton Sciberras** (Ara inc. 2922/14 - Appendici 'A')**,** fejn għandu l-ħsieb li :-

*a)* Jiżviluppa s-sit għal *fitness, recreation u healthy lifestyle.*
*b)* Ikun responsabli għall-pagamenti tad-dawl u ilma.
*c)* Responsabbli għal spejjeż oħra bħal kera ta' l-area*.*

3.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat ukoll bil-*layout* plan għall-iżvilupp tal-5-*a side pitch* tal-Kumpless Dun Anton Sciberras (Ara inc. 3999/14 - Appendiċi 'B'). Dan jinkludi *restructuring* tal-*ground floor* u żvilupp ta' sular ieħor. Fejn qed jiġi stmat nefqa ta' bejn € 30,000.00 u € 40,000.00 għas-spejjeż ta' Krav Maga Malta.

3.03 Waqt il-laqgħa li saret mas-Sur Keith Galea u l-Kunsill il-partijiet qablu unanimament li jekk il-Kunsill jangħata l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-Kunsill kien lest li :-

*a)* Jagħmel kuntratt mas-Sur Keith Galea, għan-nom ta' Krav Maga Malta, biex jirranja u jiżviluppa s-sit tal-**Kumpless Dun Anton Sciberras** għal *fitness, recreation u healthy lifestyle,* dment li jinħarġulu l-permessi kollha meħtieġa.

*b)* Il-kuntratt isir għal għaxar snin li jiġi rivedut għal għaxar snin oħra, fejn is-Sur Galea jingħata l-*first choice of refusal*.

*c)* Il-Kuntrattur ikun responsabli għall-pagamenti tad-dawl u ilma.

*d)* Il-Kuntrattur ikun responsabli għal spejjeż oħra bħal kera ta' l-*area* li l-Kunsill iħallas lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*e)* Il-parti tal-*playing field* tkun miftuħa l-ħin kollu għall-pubbliku u tkun bla ħlas waqt l-ħinijiet tal-ftuħ.

*f)* Il-parti tal-5-*a side pitch* bl-accessorji kollha jintużaw bla ħlas għal-ħames siegħat fil-ġimgħa għad-dispożizzjoni tal-Kunsill.

*g)* Il-Kuntrattur ikun responsabbli ghal kollox bhala tindif, manutenzjoni u s-sigurta' tal-post u anke jekk ikun hemm xi vandaliżmu.

*h)* Il-Kuntrattur jagħmel *security cameras*.

*i)* Il-Kuntrattur ma jistax iwilli l-post lill-*third parties* jekk ma jkollux l-approvazzjoni tal-Kunsill.

*j)* Il-Kuntrattur ma jistax joħloq inkonvenjent lir-residenti.

*k)* Ma jista' isir l-ebda kuntratt qabel il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

*l)* Sakemm il-Kunsill jircievi l-approvazzjoni min-naħa tal-Gvern Lokali, il-Kunsill jagħti l-permess lis-Sur Keith Galea sabiex jissiġila l-post biex jiġi evitat kull tip ta' vandaliżmu.

m) Jekk u meta l-Kunsill jingħata l-approvazzjoni mill-Gvern Lokali, il-Kunsill ser jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex isir l-Kuntratt.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3021 & 3949 | Korrispondenza mingħand Noel Castillo rigward *streamer* tal-Festa ta' Lapsi. |
| 3498 & 3548 | Korrispondenza mingħand il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Ġunju 2014. |
| 3523 | Email mingħand il-Bord tal-Governanza rigward deċiżjoni tal-bord dwar dewmien mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jipproċessa Bye-Laws. |

3546 Email dwar tnaqqis fl-allokazzjoni għas-servizz tal-*wifi*.

3690 Email mingħand il-Pulizija Ramon Mifsud Grech dwar ilment fir-rigward dgħajsa mpoġġija f'propjeta' pubblika.

3919 & 4008 Korrispondenza dwar Memo 21/2014 – Dokumenti ppreżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

3926 Talba sabiex titpoġġa *platform* quddiem 'Mambo' fi Triq Ross.

4028 Risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward l-attendenza tal-laqghat tal-Kunsill.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 3021 & 3949**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sur Noel Castillo rigward *streamer* tal-Festa ta' Lapsi. Wara diskussjoni, ġie deċiż unanimament li jsir l-pagament għall-istreamer peress li s-Sindku kkonferma li kien twaħħal. Qabel isir l-pagament, is-Sur Castillo għandu jirritorna l-i*streamer* lill-Kunsill.

2.03 **Rif. Nru. 3498 & 3548**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Ġunju 2014. Ġie deċiż unanimament li jiġu skużati u jithallsu għall-ġurnata li ġiet imnaqqsa.

**Rif.Nru. 3523**

2.04 B'konnessjoni mal-korrispondenza dwar il-proċess tal-*Bye-Laws* il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li rcieva diversi *emails* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar il-materji tal-*Bye-Laws.* Intalab is-servizz ta' l-Avukat tal-Kunsill u ġiet iffissata laqgħa bejn l-Avukat tal-Kunsill, l-Avukat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Direttur għall-Gvern Lokali nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Awwissu 2014 fl-10.30 a.m. L-Avukat tal-Kunsill ser izomm lill-Kunsill aġġornat wara din il-laqgħa.

Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jimxi fuq il-parir ta' l-Avukat.

2.05 **Rif. Nru. 3546**

Il-Kunsill ġie nfurmat li sar tnaqqis ta' €120 fl-allokazzjoni fir-rigward is-servizz tal-*wifi.*

2.06 **Rif. Nru. 3690**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Pulizija Ps 928 Ramon Mifsud Grech fejn talab informazzjoni mill-Kunsill dwar jekk il-Kunsill irċeviex l-ammont ta' €582.78 mingħand is-Sur Schembri.
Ġie deċiż unanimament li Ps 928 Ramon Mifsud Grech jiġi nfurmat li l-Kunsill qatt ma rċieva l-ħlas ta' €582.78 u għaldaqstant il-Kunsill jitlob li tittieħed kull azzjoni neċessarja skont il-liġi.

2.07 **Rif. Nru. 3919 & 4008**

Saret riferenza għall-korrispondenza dwar **Memo 21/2014 – Dokumenti ppreżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill.**
Il-Kunsillier Norman Vella biss talab li jingħata *hard copy* tad-dokumenti peress li m'għandux *printer.*

2.08 **Rif. Nru. 3926**

Saret riferenza għat-talba sabiex titpoġġa *platform* quddiem 'Mambo' fi Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joġġezzjona li jsir il-platform.

**4. Offerti :-**

***Insurance Coverage***

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bix-schedule ta' l-offerti (Ara Appendici 'C').

4.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona li tintghazel l-offerta ta' l-*Island Insurance Brokers* peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuza.

4.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Servizz ta' Mini Van**

4.05 Il-Kunsill ġie ppreżentat bix-schedule ta' l-offerti (Ara Appendici 'D' u ġie nfurmat li minħabba l-urġenza sabiex jibda jingħata s-servizz intagħzlet l-offerta ta' l-ALM Garage. Il-Kunsill ġie nfumat ukoll li sakemm ntgħażlet l-offerta msemmija, inġabret ukoll kwotazzjoni sabiex seta' jingħata s-servizz mis-7 ta' Lulju 2014 sat-22 ta' Lulju 2014. (Ara Appendici 'E').

4.06 Il-Kunsillier Norman Vella flimkien mas-Sindku Peter Bonello pproponew li tintgħażel l-offerta' ta' l-ALM Garage peress li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

4.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondhom.

4.08 Il-Kunsill qabel unanimament u ma sab l-ebda oġġezzjoni li ntgħazlet l-offerta ta' l-ALM Garage, li hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

## 5. Aġġornament – Xelter tal-Gwerra

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-ritratti tax-Xelter (Ara Appendiċi 'F') u ġie nfurmat li l-Kunsillier John Agius ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern biex tiġi pprovduta pjanta ACAD peress li dik sottomessa mat-talba tal-Kunsill ma ġietx aċċetata.

5.02 Għalhekk saret talba lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet il-Perit Ray Farrugia, sabiex tiġi pprovduta din il-pjanta. Iżda l-Kunsill ġie nfurmat li m'għandhomx (Ara Inc. 4114/14 – Appendici 'G') għalhekk saret talba lill-Perit tal-Kunsill, l-MP & DC (Ara K0897/Proj FI/14- MC – Appendiċi 'H')

5.03 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li qed isir it-tikħil tax-xelter minn Ġiljan Micallef u Freddi Brincat fejn u li l-Kunsill qed jipprovdi l-materjal. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ser issir bieba u railing għal-ammont ta' €480 (Ara l-istima inc. Ref 4071/14 – Appendiċi 'I')

5.04 Il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li l-ftuħ uffiċjali tax-Xelter ser isir fis-27 t' Awwissu 2014 mill-Onorevoli Dott. Micheal Falzon, Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva u li ser issir plakka li ser tingħata bħala donazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li fuq il-plakka jitniżżel ukoll li l-ftuħ tax-xelter sar fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillieri.

5.05 Il-Kunsillier John Agius għandu jagħti kopja ta' l-programm ta' l-attivita' li ser issir lill-Kunsill.

5.06 il-Kunsill approva unanimament l-ammont ta' €1,200 għall-ispejjeż involuti biex jiġi rranġat ix-Xelter.

## 6. Aġġornament Proġett : -

**Stima riveduta ta' *Proposed Upgrading* tal-Pjazza Spinola, Telgħet Birkirkara u parti minn Triq Wied Għomor.**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi: -

a) Stima riveduta (Ara Inc. 3678/14 – Appendiċi 'J')

b) konferma tal-Perit tal-Kunsill li x-xogħol inkluż il-materjal b'konnessjoni ma' l-*Upgrading* tal-Pjazza Spinola, Telgħet Birkirkara u parti minn Triq Wied Għomor jista' jsir bil-kuntrattur/i preżenti tal-Kunsill pero' ix-xogħol previst fin-naħa tal-Bus Stop ma jistax isir mill-Kuntrattur/i tal-Kunsill (Ara Inc. 3649/14 – Appendiċi 'K')

c) Aċċetazzjoni tal-kuntrattur dwar il-pagamenti għall-xogħol li jigi ffinanzzjati mir-Reġjun Ċentru (Ara inc. 3840/14 – Appendiċi 'L')

d) Kjarifika li ntalbet lir-Reġjun Ċentru dwar il-fondi mir-Reġjun (Ara inc. 3573/14, 3828/14 u K0897/Proj FI & 258/14 – MC – Appendiċi 'M')

**Village Core**

6.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li b'riferenza għat-talba li saret lill-*Water Services Corporation* biex jigi rranġat il-ħsara li saret minnhom matul iż-żmien, il-Kunsill ġie mitlub jipprovdi stima mingħand kuntrattur (Ara Inc. 3797/14 – Appendiċi 'N').

6.03 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tintalab stima mingħand l-LK Ltd u li tintbagħat lill-*Water Services Corporation.*

**Stejjem ta' Triq il-Kbira ħdejn il-Knisja tal-Karmnu, Triq San Ġorġ u Triq Ġorġ Borg Olivier quddiem il-Croppers.**

6.04 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi stejjem (Ara Inc. 3848/14, 3849/14, 3851/14 – Appendiċi 'O') u bi *schedule* li turi x-xogħolijiet kollha li qed isiru bil-fondi approvati mir-Reġjun Ċentru (Ara Appendiċi 'P').

6.05 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilll li qabel il-Kunsill ikollu l-konferma bil miktub mir-Reġjun Ċentru li l-Kunsill ser jingħata aktar finanzjament, ma jistawx jinħarġu aktar *works orders* biex isiru il-kumplament tax-xogħolijiet tal-Pjazza Spinola, Triq Wied Għomor, il-*Bus Stop* u ħdejn il-Wembley.

6.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba lir-Reġjun Ċentru biex jigi kkunsidrat li l-Kunsill jingħata €84,008.14 oħra biex ikunu jistgħu jsiru l-kumplament tax-xogholijiet (Ara K0913/Proj.Fl.&258/14-CCF – Appendiċi 'Q').

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'R').

7.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3607 sa 3621 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'S').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3607 sa 3621.

8.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 7 t' Awwissu 2014 fis-2.00p.m.

9.02 Ġie deċiż unanimament li kull meta jkun hemm talba biex isir permess fir-rigward f' kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni għandha tiżdied kundizzjoni li l-kuntrattur għandu jaħsel l-*area* fi tmiem kull ġurnata tax-xoghol.

9.03 Il-laqgħa ntemmet fl-4.25p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**